MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2642/2002

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Catherine Palmier u l-istess Catherine Palmier**

**vs**

**Giuseppe Nicola Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u hdax il-lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm811.49) rapprezentanti danni kagunati f'incideent awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Gunju 2002, f'Tal-Pieta'' bejn vettura numru GAQ 251 misjuqa mill-attrici u vettura numru MRA 100 misjuqa mill-konvenut ghal-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa is-segwenti:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drittstante li l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident tal-11 ta' Gunju 2002.
Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, d-danni pretizi huma esagerati u fi kwalunkwe kaz qieghed jigi kontestat il-quantum taghhom.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Catherine Palmier, Maurice Cordina, Victor Cordina, tal-konvenut u ta' PS 1136, Fabian Fleri. Ha konjizzjoni tal-affidavit ta' John Borg Bellanti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Gunju 2002, f'Marina Street, tal-Pieta' bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAQ 251 misjuqa mill-attrici Catherine Palmier u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MRA 100 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attrici xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni GAQ 251 f'Marina Street, Pieta' gejja mid-direzzjoni tal-Furjana u sejra fid-direzzjoni tal-Imsida. Hija kienet qed tiprocedi ghad-dritt fuq il-karreggjata ta' barra u malli waslet quddiem is-Sa Maison Hotel harget il-vettura tal-konvenut minn fuq il-'Give Way Sign' li hemm fit-tarf tat-triq li taghti ghal fejn jirmonka l-vapur t'Ghawdex, u cioe' t-triq li tinsab precizament faccata tas-Sa Maison Hotel, u sehh l-impatt. Il-hsara fil-vettura tal-attrici kienet bejn iz-zewg bibien tan-naha tas-sewwieq.

Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni MRA 100, huwa kien hiereg ghal fuq Marina Street gej mid-direzzjoni ta’ Sa Maison, waqaf fuq il-‘Give Way Sign’, ra li ma kienux gejjin vetturi u beda hiereg bil-mod fuq il-karreggjata ta’ barra. Huwa jghid li waqt li kien hiereg b’dan il-moghod, giet il-vettura tal-attrici u barxitlu il-‘mudguard’ tan-naha tax-xellug tal-vettura tieghu.

Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet irrizulta inekwivokabilment li l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenut li ttenta johrog ghall fuq arterja principali bhal ma hija Marina Street, minn fuq ‘Give Way Sign’, minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ ghat-traffiku li kien qed jiprocedi fil-karreggjata ta’ barra ta’ Marina Street. Dan jirrrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess li jghid “jien hrigt fuq l-‘outer lane’. Il-vettura tal-attrici zgur ma kienetx gejja minn warajha ghax kieku kont naraha. Jien rajt il-vettura tal-attrici biss wara l-impatt”. L-istess konvenut jghid ukoll li “fil-karreggjata tieghi ma kien gej hadd minn warajja” u “meta sehh l-impatt jiena kont diga drittajt u hadd il-posizzjoni tieghi f’Marina Street”. Mix-xhieda tal-konvenut jidher li huwa kkoncentra l-attenzjoni tieghu fuq il-vetturi li setghu kienu gejjin minn warajh minflok fuq il-vetturi li kienu qed jiprocedu fuq il-karregjata ta’ barra ta’ Marina Street, gejjin mid-direzzjon tal-Furjana, qabel beda hiereg ghal fuq Marina Street, kif fil-fatt kellu jaghmel. Meta gie mistoqsi specifikatament jekk huwa kienx hares fid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda qabel ma beda hiereg, il-konvenut irrisponda li ma kien ra ebda vettura gejja mid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda hlief ghal xi karozzi tal-linja li kienu qed jiprocedu fuq l-‘inner lane’. It-Tribunal jidhirlu li l-vettura tal-attrici certament ma setghatx waqghet mis-sema u l-fatt li l-konvenut ma rax din il-vettura qabel l-impatt ifisser li huwa ma esplorax it-triq adegwatament qabel ma hareg minn fuq il-‘Give Way Sign’. Inoltre l-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz imhejji mis-Surgent li nvestiga l-kaz u fir-ritratti esebiti mill-konvenut (a fol. 36), kif ukoll il-hsara fiz-zewg vetturi in kwistjoni – bejn iz-zewg bibien tan-naha tas-sewwieq fil-vettura tal-attrici u fil-ponta ta’ quddiem tan-naha tax-

xellug fil-vettura tal-konvenut, isahhu ulterjorment din it-ttezi.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut ikkontesta l-‘quantum’ tad-danni reklamati mill-atturi izda mill-ircevuti u mis-‘survey report’ esebti mill-atturi jidher li d-danni reklamati minnhom huma kompatibbli mad-dinamika tal-incident in kwistjoni. Inoltre l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u hdax il-lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm811.49), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------